MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Numru 153/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON CASSAR**
**SPETTUR SILVIO VALLETTA**

**VS**

**JONATHAN FELICE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jonathan Felice, ta' 17-il sena, bin Emanuel u Mary Anne xebba Bugeja, imwieled Tal-Pieta' nhar it-12 ta' Awwissu, 1988, residenti fil-fond Entrature A,Flat 2, Binja tal-Faqqanija, Triq il-Girasol, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 387288(M):

Akkuzat talli:

a) Fl-Iklin, nhar il-11 ta’ Jannar, 2006 ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta’ fil-ghaxija kkommetta serq ta’ somma flus u cash register tal-marka Sico mill-fond Giormina Bakery and Confectionery, sitwat fi Triq Gerolimo Abos, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u valur li jaccedi l-mitt maltin u li sar ghad-detriment ta’ George Mifsud, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 262(b), 263(b), 270 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekkwestra lil Roxanne Borg, impjega fl-istabbiliment Giormina Bakery and Confectionery, ai termini tal-Artikolu 86, 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta serq ta’ mobile phone tal-marka Motorola, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u valur li jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta’ Roxanne Borg, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 262(b), 263(b), 270 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt ta’ serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar, jew imitazzjoni ta’ arma regolari, u dan bi ksur tal-Artikolu 26 (a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) U aktar talli fl-istess data, f’dawn il-Gzejjer, garr arma tan-nar u cioe’ senter minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

f) U aktar talli bejn id-29 u t-30 ta’ Dicembru, 2005 f’Tas-Sliema ikkommetta serq ta’ vettura tat-tip Mazda bin-numru tar-registrazzjoni JAL 906 li kienet ipparkjata fi Triq it-Torri, liema serq huwa kkwalifikat bil-

mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta’ Saviour Fenech, u dan bi ksur tal-Artikoli 263(a), 265, 271(h) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
g) U aktar talli fil-11 ta’ Jannar, 2006 u fil-jiem ta’ qabel, f’hinijiet differenti f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg, jew beneficcju ghalih inniffsu, jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni u/jew stqarrija falza, u/jew ta taghrif falz billi wahha pjanca tar-registrazzjoni falza bin-numru BBA 029 fuq vettura tat-tip Mazda bin-numru originali JAL 903, u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

h) U aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minnn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal pjanca tar-registrazzjoni falza bin-numru BBA 029 fuq vettura tat-tip Mazda bin-numru originali JAL 903, u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

i) U aktar talli fit-18 ta’ Jannar, 2006 u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa’ ghandu hwejjeg haddiehor, misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew, jew xjentement b’kull mod iehor li jkun iddahhal f’dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxiehom, u cioe’ vettura tat-tip Mazda JAI 906 liema vettura huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, fuq vettura tat-tip Mazda bin-numru originali JAL 903, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

j) U aktar talli bejn il-21 u t-22 ta’ Novembru, 2005 f’Hal-Tarxien, ikkommetta serq ta’ vettura tat-tip Daihatsu Charade, bin-numru tar-registrazzjoni BBA 029 li kienet ipparkjata fi Triq is-Sorijiet, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta’ George Xuereb, u dan bi ksur tal-Artikoli

263(a), 265, 270, 271(h) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
k) U aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi ikkommettta serq ta' sett pjanci tar-registrazzjoni bin-numru BBA 029, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, u/jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 265, 271(h), u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

l) U aktar talli fit-18 ta' Jannar, 2006 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/ew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxiehom, u cioe' sett pjanci tar-registrazzjoni bin-numru BBA 029, liema pjanci huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

m) U aktar talli f'Hal-Balzan, nhar l-10 ta' Jannar, 2006 ghall-habta tat-tmienja u kwart ta' fil-ghaxija, ikkommetta serq ta' somma flus u cash register mill-fond Three Villages Bar, sitwat fi Triq il-Kbira, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u valur li jaccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda ma jaccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Concetta Grech u Maria Grech, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 262(b), 263(b), 270 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

n) U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekkwestra lil Concetta Grech u Maria Grech, u dan bi ksur tal-ARtikoli 86, 87 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

o) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari,

imitazzjoni ta' arma tan-nar, jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan bi ksur tal-Artikolu 26 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

p) U fl-ahharnett talli fl-istess data, f'dawn il-Gzejjer, garr arma tan-nar, u cioe' senter minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizjia, u dan bi ksur tal-Artikolu 16 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikolu 26 (a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 87 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 262 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 263 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 263 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 265 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 271 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-imputat kien minorenni fiz-zmien li gie kommess ir-reat.

Ikkundsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imsemmi imputat Jonathan Felice hati tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------